MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1391/2003

**Anna Christian**

**Vs**

**Eleonora de Jong Storm**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm500.25c (hames mitt lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti hsarat fl-appartament ta' l-attrici "Gloria Maris Court", Block 2, Flat 4, Triq l-Iskal, Marsaskala u dana peress li ilma skula u ghadda mill-appartament sovvrastanti proprjeta' tal-konvenuta ghal gol-appartament ta' l-attrici.

Illi l-konvenuta ma haditx kura proprja ta' l-appartament taghha kif kellha taghmel.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi. Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------